GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR242083 | 23.12.2024 | 1 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Jiġi pprezentat ir-Rapport Annwali tal-Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija lill-Ispeaker***

Illum ġie pprezentat ir-Rapport Annwali tal-Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Dr Anġlu Farrugia.

Ir-rapport ġie pprezentat miċ-Chairman tal-Bord, l-Imħallef Emeritu Francesco Depasquale, flimkien mas-Segretarju tal-Bord, l-Ambaxxatur John Spiteri.

L-Ispeaker qal li din il-preżentazzjoni tirrifletti l-importanza li l-Bord jassigura li l-ilmenti mressqa jiġu indirizzati b'mod imparzjali u professjonali. Huwa informa wkoll li dan ir-rapport importanti ser jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fl-ewwel seduta tas-sena 2025.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt

www.doi.gov.mt